# IL-MOSKEA



# IL-MOSKEA

RASHID AHMAD CHEEDOO

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# THE MOSQUE
## (In Maltese Language)

# IL-MOSKEA
*'Post it-talb għall-Musulmani'*

Kitba ta'
Rashid Ahmad Cheedoo

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel**: +356-27342401 • **Tel**: +356-21322105
**Mob:** +356-79320139 • **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

978-99957-59-02-5

Stampa: © shutterstock.com

# INTRODUZZJONI

Il-Moskea hija sehem importanti fil-ħajja tal-Musulman. Mhuwiex biss bini fejn il-Musulmani jmorru għat-talb u l-qima, imma huwa wkoll ċentru għall-komunità li jiġbed il-Musulmani minn kull qasam tal-ħajja u jawtorizzahom fir-rabta flimkien u jiżviluppa sens ta' fraternità.

Hemm ħafna moskej ta' forma u daqs differenti madwar id-dinja kollha; minn żgħar u sempliċi sa kbar u sbieħ.

Kulħadd huwa mistieden jidħol fil-moskea imma hemm xi etiketti importanti li għandhom jiġu osservati.

Dan il-ktejjeb hu introduzzjoni sempliċi għat-tfal dwar x'inhi moskea u x'etiketti jridu jiġu osservati meta wieħed jidħol f'moskea. F'dan il-ktejjeb tista' tinstab informazzjoni importanti dwar il-moskea. Dan il-ktejjeb jinkludi l-glossarju tal-kliem u frażijiet relatati mal-moskej, miktubin b'lingwaġġ addattat għat-tfal. Huma intenzjonati għall-għalliema u l-ġenituri bħala gwida għal diskussjonijiet dwar l-Iżlam.

Huwa mistenni li dan jissodisfa l-kurżità tat-tfal u jinkoraġġihom sabiex jitgħallmu aktar dwar il-moskej sabiex ikollhom l-għarfien u l-kunfidenza li tgħinhom japprezzaw u jieħdu gost bil-moskej kull fejn ikunu.

**Traduzzjoni bil-Malti:**

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2015.

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

F’Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

# IL-MOSKEA

Il-Moskea hija binja speċjali magħmula għan-nies biex jitolbu fiha. Din tista’ tkun żgħira jew kbira u ġieli jkollha kampnari twal bħala parti mill-bini. Dawn jissejħu “Minaretti”.

# IL-MINARETTI

Il-minaretti jista’ jkollhom *loudspeakers* ġewwa fihom sabiex meta jkun ħin it-talb, il-Muważżin jista’ jsejjaħ lin-nies għat-talb u leħnu jkun jista’ jinstema’ fil-komunità tal-madwar.

Il-Muważżin jaqra b’vuċi kantata frażijiet speċjali bl-Għarbi. Dawn il-frażijiet jissejħu l-Ażan u jiġu msejħa ħames darbiet kuljum, qabel il-ħin ta’ kull talba.

Fil-Moskej Ewropej ma jużawx *loudspeakers* għax dawn jistgħu jkunu ta’ inkonvenjent għan-nies.

L-ewwel Muważżin tal-Iżlam fiż-żmien tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun miegħu, kien Ħażrat Bilal (l-għaxqa ta’ Alla fuqu).

# IL-KAABA

Kull moskea hi mibnija tħares lejn il-Kaaba. Il-Kaaba hija f'Mekka fis-Sawdi Arabja. Li tħares fl-istess direzzjoni tkun minn fejn tkun fid-dinja toħloq l-unità fost is-segwaċi – hija fokus uniku li tiġbed attenzjoni u twarrab kull differenza fil-kulur, fir-razza u fin-nazzjonalità.

L-ewwel Moskea li nbniet barra Mekka mill-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun miegħu, kienet f'post jissejjaħ Kubà ħdejn Medina.

# ĠEWWA L-MOSKEA

Il-ġewwieni tal-Moskea huwa sempliċi. Ma jkunx hemm stampi u pitturi mal-ħitan għax dawn jistgħu jtellfu lin-nies mit-talb tagħhom u la mużika u la kant mhu permess.

Ġieli jintużaw xi disinji biex isebbħu l-Moskea minn ġewwa. Imma dawn ma għandhomx jinkludu stampi għax, eventwalment jistgħu jwasslu għall-paganiżmu (twemmin fl-allat foloz).

# TALB TAL-ĠURNATA

Matul il-ġurnata, il-Musulmani huma mistennija jitolbu ħames talbiet, imqassmin matul il-ġurnata kollha. Dawn huma: Faġr, Żohr, Asr, Magrib u Isha.

## IL-ĦIN TAT-TALB

Kulħadd għandu jneħħi ż-żarbun qabel jidħol fil-moskea, biex iżomm il-moskea nadifa.

L-irġiel u n-nisa għandhom postijiet separati biex jitolbu, u għandhom ipoġġu bil-kwiet meta jkunu fil-moskea.

It-talb jitmexxa minn raġel jissejjaħ Imam li jieqaf fuq quddiem f'post speċjali jissejjaħ Meħrab, fuq quddiem nett.

Kulħadd għandu jieqaf f'ringieli jħares fl-istess direzzjoni bħall-Imam.

Ma jkunx hemm postijiet riservati għal ħadd u kulħadd huwa milqugħ fil-moskea.

Kulħadd jista' jpoġġi kull fejn jixtieq imma kulħadd mistenni biex ma jaqbiżx fuq quddiem jew jimxi quddiem nies li qed jitolbu biex ma jtellifhomx.

## IT-TALB TAL-ĠIMGĦA

In-nies għandhom, fejn possibbli, jiġu l-moskea għat-talb kuljum. Imma nhar ta' Ġimgħa jkun hemm talb speċjali li jissejjaħ 'it-Talb tal-Ġimgħa' minflok it-talba Żohr u l-Musulmani għandhom jagħmlu sforz akbar biex jattendu għalih. L-Imam jagħmel it-taħdita li tkun parti mit-talb tal-Ġimgħa.

Moskea ma tintużax għat-talb biss, attivitajiet reliġjużi oħrajn bħat-tagħlim tal-Koran jew it-tagħlim ta' talb Iżlamiku jiġi organizzat mill-moskea.

## ETIKETTI

Kulħadd għandu jgħatti rasu meta jidħol fil-moskea għat-talb u tfal mhumiex permessi jiġru madwar jew jagħmlu storbju ġewwa.

Huwa importanti li kulħadd joqgħod kwiet fil-moskea u jżommha nadifa u jittrattaha bir-rispett.

L-ikel u x-xorb ġeneralment mhumiex permessi wkoll. Waqt l-istennija għat-talb, in-nies għandhom jaħsbu u jiftakru fuq Alla f'qalbhom.

## KOMUNITÀ

Il-moskej jistgħu jkunu f'kull forma u daqs, imma dawn huma postijiet li jiġbru l-komunità flimkien.

Il-Musulmani jistgħu jitolbu fil-moskea meta jridu. Meta t-talb isir flimkien, Alla jippremjah aktar.

Hemm diskors tal-Qaddis Profeta li jissejjaħ 'Ħadith' li meta jingħad flimkien huwa 27 darba aktar benefiċjali milli kieku xi ħadd jitolbu waħdu.

************

# IL-GLOSSARJU

**Ażan**: Il-forma tal-kliem użat biex il-Musulmani jissejħu għat-talb.

**Ħadith**: pl. Aħadith: Id-Diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun miegħu.

**Imam**: Il-persuna li tmexxi t-talb.

**It-Talb tal-Ġimgħa**: Talb speċjali ta' nhar ta' Ġimgħa.

**Kaaba**: Il-post f'Mekka, li l-Musulmani jħarsu lejh waqt it-talb.

**Meħrab**: Post speċjali fil-moskea, fuq quddiem tan-nies, fejn l-Imam imexxi t-talb.

**Minaret**: Kampnar twil parti mill-Moskea.

**Moskea**: Il-Post tal-qima għall-Musulmani.

**Muważżin**: Il-persuna li jsejjaħ lin-nies għat-talb.

**Il-Musulman**: Il-Musulman huwa persuna li jemmen fl-Iżlam bħala reliġjon.

**Il-Koran**: Il-Koran huwa l-Ktieb sagru tal-Musulmani.

**Il-Qaddis Profeta Muħammad**: Muħammad, il-paċi tkun miegħu, huwa l-Profeta tal-Iżlam.

# IMĦABBA GĦAL KULĦADD
# MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

*This is the Maltese translation of the book*
*“THE MOSQUE” by Rashid Ahmad Cheedoo.*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**www.ahmadija.org.mt**

9 789995 759025